**Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu**

## LULJU/AWISSU 2008 NUMRU 234

## Lill-Presidenti, Assistenti Ekkleżjastiċi u Membri.

"La darba aħna għandna madwarna sħaba hekk kbira ta' xhieda, ejjew inwarrbu minna kull xkiel u kull dnub li malajr ifixkilna, u b'qalbna qawwija nibqgħu niġru t-triq tal-prova li għandna quddiemna; inżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù, li minnu tibda' u fih tintemm il-fidi tagħna." (Lhud 12:1-2)

Dak li jgħid l-Awtur ta' l-ittra lill-Lhud, nistgħu ninterpretawh għalina l-membri ta' l-Azzjoni Kattolika.
L-Azzjoni Kattolika tul il-140 sena tagħha tatna sħaba hekk kbira ta' Qaddisin, Beati, Venerabbli u Servi ta' Alla.

Jekk fil-ħidma tagħna fl-Azzjoni Kattolika nżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù, jekk dak kollu li nagħmlu ikun għall-glorja ta' Alla, aħna ukoll inkunu iddestinati biex ningħaqdu mal-qaddisin fis-sema, l-uniku ħlas li għandna naħdmu għalih u nixtiequ.

*************************************

Nixtieq insellem, nirringrazzja u nitlob skuża . . . . . . . . . .. . . . . . . . . .. . .
. . . . .. lill-Presidente Attwali u dawk li tul is-26 sena ħdimt magħhom.
. . .. . lill-Presidenti, l-Kumitati u Membri taċ-Ċirkoli kollha li direttament jew indirettament ħdimna flimkien. . .
. . . . .. lil dawk li flimkien għal snin tellajna l-programm fuq Radju Marija.
. . . . .. lil dawk kollha li ħdimt magħhom f'xi Kummissjoni jew Kunsilli.
. . . . .. lil dawk li weġġgħu għax kellhom iħallu l-ħidma li b'tant ħerqa u ħeġġa ħadmu mhux b'sagrifiċċji żgħar.
. . . . .. lil dawk kollha li ħadmu fis-segreterija u ħadu paċenzja bija.
. . . . .. lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor iltqajna u ħdimna flimkien.

Jien se nħalli l-Uffiċċju ta' Assistent Ekkleżjastiku ta' l-Għaqda tagħna li, iktar ħadt minnha milli tajtha jien . . . Se nħalli din il-ħidma la għax xbajt u lanqas għax għajjejt . . . imma biex tgħaddi f'idejn iktar żgħażagħ għal ġid ta' l-Azzjoni Kattolika . NITOLBU GĦAL XULXIN.

**P.Damian Cachia O.Carm Ass. Ekkl. Ġenerali**

## MADWARNA

Nhar il-Ħamis 19 ta' Ġunju saret il-Laqgħa Ġenerali. Din kienet laqgħa importanti ħafna għaliex fiha ġie ppreżentat l-abbozz ta' l-Istatut il-ġdid ta' l-Azzjoni Kattolika. Il-Presidenti ta' kull entità ċentrali u ta' kull ċirkolu huma mistednin biex jaqraw dan l-abbozz u jibagħtu s-suġġerimenti tagħhom sa mhux aktar tard mit-18 ta' Lulju ta' din is-sena. Dawn is-suġġerimenti jiġu studjati mid-Direttorju Ġenerali u jekk dan japprovhom jiġu inseriti fit-tieni abbozz. F'Novembru għandha ssir Laqgħa Ġenerali straordinarja oħra biex jiġi ppreżentat it-tieni abbozz għall-approvazzjoni tal-Membri.

Ħsibt li jkun ta' għajnuna illi kieku nagħmel lista ta' tibdiliet li l-aktar se jolqtu lill-Membri. In-numru ta' l-artikolu li jidher fi ( ) jindika n-numru ta' l-artikolu fl-Istatut il-qadim.

**Tibdiliet Prinċipali**

Il-President Ġenerali se jibda' jissejjaħ President. Il-Presidenti tal-friegħi, Kummissjonijiet, Segretarjat, ta' l-entitajiet Ċentrali kollha kif ukoll il-Presidenti taċ-Ċirkoli se jissejħu Ko-ordinaturi. Fil-verità bħalissa għandna aktar Presidenti milli għandhom in-Nazzjonijiet Uniti kollha flimkien (Art.33)

Il-Ko-ordinaturi flimkien mal-Kumitat tagħhom se jaħdmu għall-terminu ta' tlett snin minflok ta' erbgħa. (Art 17).

Il-Membri ta' l-Azzjoni Kattolika se jiġu maqsumin f'Adulti u Żgħażagħ. Dan għaliex iż-żgħażagħ issa ilhom għal xi żmien jiltaqgħu flimkien. Il-grupp taż-Żgħażagħ Adulti li se jiġi mwaqqaf dalwaqt, biex jilqa' fih il-membri nisa u rġiel taż-ŻAK li jkunu saru adulti se jissejjaħ il-Fergħa Adulti Żgħażagħ. Dan ma jfissirx li l-fergħa ta' l-Irġiel, tan-Nisa u tax-Xebbiet mhux se jibqgħu jeżistu imma

jfisser li dawn se jissejħu l-Fergħa ta' l-Adulti Nisa, l-Adulti Rġiel, l-Adulti Xebbiet, bħal ma qegħdin insejjħu l-fergħa ġdida Adulti Żgħazagħ. (Ref :Art 2; Art. 11, 2)

L-Azzjoni Kattolika tibqa' tilqa t-tfal u l-adoloxxenti. (Ref: Art. 10).

Minflok Laqgħa Ġenerali, id-Direttorju se jibda jsejjaħ Kunsill Ġenerali. Dan il-Kunsill se jibda jissejjaħ kull darba li d-Direttorju jħoss il-bżonn ta' konsultazzjoni ma' rappreżentanti tal-membri (Ref; Art 15; 16; u 35.)

Ta' importanza speċjali huma l-artikoli minn 38 sa 47 li jitkellmu dwar finanzi u propjetà. Qegħda nsemmihom mhux għax hemm xi tibdiliet partikolari imma għaliex xi Ċirkoli ma jsegwuhomx.

**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

## Ċirkolari Nr Dir 3/2008

## Data : 28 ta' Ġunju 2008

**Lill-Membri tad-Direttorju**
**Ta' l-Irġiel**
**Tan-Nisa**
**Tal-Koppji**
**Tax-Xebbiet**
**Il-Kummissjonijiet**
**Is-Segretarjat Assistenza Soċjali**
**Moviment ta' l-Għalliema**
**Lill-Leaders taċ-Ċentri taż-ŻAK**

**Abbozz ta' l-Istatut ta' l-Azzjoni Kattolika**

S'issa suppost li kulħadd għandu kopja ta' l-ewwel abbozz ta' l-Istatut Ġenerali ta' l-Azzjoni Kattolika. Dan l-ewwel abbozz ġie ppreżentat waqt il-Laqgħa Ġenerali li saret il-Ħamis 19 ta' Ġunju fl-Istitut Kattoliku.

Nitolbukom biex tistudjawh sewwa flimkien mal-Membri u tibgħatu l-kummenti u l-emendi tagħkom sal-Ġimgħa 18 ta' Lulju 2008. L-emendi proposti jiġu kkunsidrati mid-Direttorju.

Dawk l-emendi li jaqbel magħhom id-Direttorju jiġu inseriti fit-tieni verżjoni ta' l-Istatut u ppreżentati waqt Laqgħa Ġenerali Straordinarja li se ssir fl-20 ta' Novembru 2008 għall-approvazzjoni tar-rappreżentanti tal-Membri.

**Adrian Leone Ganado, Segretarju Ġenerali**

**L-Information Sheet Bl-*email***
Tixtieq tirċievi l-Information Sheet bl-email? Ibgħat it-talba tiegħek permezz ta' email indirizzata lill-infosheet@*akmalta.org*

## Fergħa Xebbiet Adulti

Inħeġġu biex fejn hu possibbli nibqgħu nagħmlu l-laqgħa ta' kull ġimgħa fiċ-ċirkolu tagħna. Nistgħu norganizzaw xi attività għall-membri taċ-ċirkolu biex inżommu aktar kuntatt.
Nixtiequ lil kulħadd Sajf ta' mistrieħ.

**ATTIVITAJIET TA' L-AZZJONI KATTOLIKA MATUL IX-XHUR TA' LULJU U AWISSU 2008**

| | | |
|---|---|---|
| 3 ta' Lulju | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:00 |
| | Xebbiet Adulti | Kunsill Ċentrali fis-18:00. |
| 4-6 ta' Lulju | ŻAK | Leadership training għal leaders taż-ŻAK |
| 10-20 Lulju | ŻAK | Exchange bejn ŻAK Ħal Tarxien u grupp mis-Slovakia. |
| 11 ta' Lulju | Direttorju | Istitut Kattoliku bejn il-17:00-19:00. |
| 17 ta' Lulju | Fergħa Nisa | Quddiesa ta' Ringrazzjament. Membri tal-Kunsill |
| 19 ta' Lulju | ŻAK | Membri taż-ŻAK jorganizzaw attività fl-okkazzjoni tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ. |
| 20-27 ta' Lulju | ŻAK | Membri taż-ŻAK se jmorru l-Italja għal-Leadership Training. |
| 21 ta' Lulju | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30. |
| 25 ta' Lulju | Direttorju | Istitut Kattoliku bejn il-17:00-19:00. |
| 26 ta' Lulju | Dar Familja Mqaddsa | Ikla ta' filgħaxija ġol-ġnien fis-19:15. |
| 28 ta' Lulju - 6 ta' Awissu | ŻAK | Il-gruppi taż-ŻAK minn B'Kara, San Ġiljan u Iklin jilqgħu grupp Taljani għal exchange. |
| 24-30 Awissu | ŻAK | Membri taż-ŻAK se jmorru l-Awstrija għal Eurocontact. |
| 30 ta' Awissu | Dar Familja Mqaddsa | Pasta Night fil-ġnien ta' l-istess Dar fis-19:15. |
| 29 Awissu - 7 ta' Settembru | ŻAK | Kamp Sajf |

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

**SERVIZZ BIL-MINIBUSES**

**Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità**

Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom

1 Ta' Lulju 2008 Festa tal-Beatu Nazju Falzon,
Patrun tas-Segretarjat Assistenza Soċjali
Nitolbu sabiex jekk tkun il-volontà ta' Alla naraw lil dan il-Beatu jiġi ddikjarat Qaddis.

Solidarjetà fit-Talb Ma' Hutna Morda bil-Kancer

Se ssir Quddiesa nhar il-Ġimgħa 4 ta' Lulju 2008 fis-18:30 fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt.
Din il-Quddiesa tagħlaq in-Novena ta' San Mikiel tal-Qaddisin kollha, Patrun tal-Morda bil-Kancer. Il-Pubbliku hu mistieden li jattendi għal din il-Quddiesa.
Inħeġġu lill-Membri kollha tas-Segretarjat Assistenza Soċjali u Membri oħra ta' l-Azzjoni Kattolika biex jattendu għal din il-Quddiesa bħala solidarjetà fit-talb ma' ħutna morda bil-marda tal-Kanċer.

DAR FAMILJA MQADDSA - NAXXAR
EJJEW U ĠIBU L-FAMILJARI U ĦBIEB TAGĦKOM
GARDEN DINNER - IS-SIBT 26 TA' LULJU 2008 FIS-19:15.
FIL-ĠONNA TAD-DAR TA' L-ANZJANI TAN-NAXXAR
LI TMEXXI L-AZZJONI KATTOLIKA

Jieħdu sehem l-aħjar kantanti fix-xena lokali.
*Jekk kull ċirkolu jibbukkja mejda jew tnejn nimlew il-ġnien malajr. Tieħdu pjaċir żgur għax l-esperjenza ta' l-aħħar ħdax il- sena hekk uriet u tkunu qed tgħinu lid-Dar ta' l-Anzjani Familja Mqaddsa - Naxxar.*
*Booking : 21410015 / 21438025*
*Prezz Kbar €12.50 Tfal €4.00*

**Dar Familja Mqaddsa - Naxxar**
**Pasta Buffet**
**Is-Sibt, 30 ta' Awissu 2008 fis-19:15.**
**Fil-Ġonna tad-Dar**
**F'Din l-Okkażjoni titla' l-Lotterija b'Risq l-Istess 'Home'**

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ



***SOLIDARJETÀ*** Il-programm li tipprezenta l-A.K.M. ddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità bl-isem SOLIDARJETÀ qed jinstema' kull nhar ta' Ħadd fit-20:30 fuq Radju Malta.
Dawn huma d-dati tal-Programm tagħna għal Lulju u Awissu 2008:-
Lulju : - 6, 13, 20, u 27.
Awissu : - 3, 10, 17, 24, u 31.

Napprezzaw ħafna lil kull min jista joffri s-servizz bil-karozza tiegħu għal attivitajiet li l-Kummissjoni tagħna tagħmel matul is-sena. Il-Kummissjoni tixtieq il-vaganzi t-tajba lil kulħadd filwaqt li tixtieq tirringrazzja bil-quddiem lil kull min joffri s-servizz.

## GRUPPI KOPPJI MIŻŻEWĠIN

Nawgurawlkom il-vaganzi t-tajba u tajjeb nissuġġerixxu li l-laqgħat jibqgħu isiru x'imkien ħdejn il-baħar jew għall-arja fil-kampanja.
*Carmen u Joe Agius Delicata*




*Trid tagħti rigal b'differenza*
*fil-Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika –*
*Istitut Kattoliku - Floriana*

*Wieħed isib:*

*Kull tip ta' kotba reliġgjużi bil-Malti u bl-Ingliz – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.*



*Issibu ukoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'Go Mobile'.*
*Jistgħu jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.*



*Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa - 9:00 sa nofsinhar*
*4:00 sas 19:30*
*is-Sibt – filgħodu biss*



*Tel: 21237031*

*Għalhekk ixtri ir-rigali tiegħek min din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.*

## *Courses* tat-Teoloġija

Id-Direttorju rċieva mill-Università lista ta'
Courses li se jsiru fuq it-Teoloġija li se jsiru għal Lajċi.
Min jinteressah u jrid iżjed informazzjoni
iċempel Tel-23402767 Jew email theology@um.edu.mt

# **Ħinijiet Tas-Sajf fl-Istitut Kattoliku:**

i. Mil-1 sal-31 ta' Lulju 2008 mit-8:30 sas-19:00.

ii. Mill-1 sal-31 ta' Awissu 2008 mit-8:30 sas-13:00.

iii. Mill-1 ta' Settembru 'l quddiem mit-8:30 sad-21:00.